MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Numru 155/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Patrick Spiteri)**
**vs**
**Alfred Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Alfred Xuereb bin Carmelo u Marthese nee' Grech imwieled San Giljan residenti Yvonne House, Church Street, Paceville, detentur ta' karta ta' identita numru 138379(M), akkuzat talli fuq il-Monti ta' San Gakbu Floriana u f'dawn il-gzejjer, fis-06.08.2000 u f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

a. bi qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh

jew biex tqassam xi artiklu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-/jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

b. talli xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kmmerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbghin b'qerq u dan bi ksur ta' l-artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

c. talli bi qliegh jew skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh, jew biex tqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita koperta b'tali licenza xi artiklu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-/jew taht il-ligi ta' Malta u dan bi ksur tal-Avviz Legali 120/92.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhix opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-udjenza tallum.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Rat l-Artikolu 298(b), 298(1)(f) tal-Kap 9, l-Avviz Legali 120/92 u tikkundannah Lm300 multa.

Tordna l-konfiska tal-oggetti elevati.

---------------------------------TMIEM---------------------------------